Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 32 / 2014

Il-Pulizija

(Supt. Carmelo Bartolo)

vs

**Generoso Sammut**

Illum, 1 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Generoso Sammut, iben Carmel, imwieled Pieta' , fl-24 ta' Frar, 1954, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 203454(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1) Talli fl-24 ta' Frar 2003 ghall-habta tal-4 ta' filghodu, fil-Qawra, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tas-Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada f'perikolu car, wera dan il-hsieb b' atti esterni, u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi spara tir ta' arma tan-nar fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.
2) talli fl-istess data, hin u lok, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tas-Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada, liema offiza ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f' wahda mill-idejn tal-offiz u li giet maghmula b' arma regolari, u cioe` arma tan-nar.

3) talli fl-istess data, hin u lok, attakka u ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmi Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada, u l-kuntistabbli Kevin Curmi, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti.

4) talli fl-istess data, hin u lok, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` s-Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada u l-kuntistabbli Kevin Curmi waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

5) talli f' Bugibba, f' xi hin matul il-perijodu ta' bejn il-5.00 ta' filghaxija tat-23 ta' Frar 2003 u l-4.00 ta' filghodu tal-24 ta' Frar 2003, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, fosthom dokumenti u flus, minn Granny' s Bar and Restaurant, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin, bil-mezz, kif ukoll bil-hin, ghad-detriment ta' John Zammit mis-Swieqi.

6) talli fl-24 ta' Frar 2003, f' dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

7) talli f' xi hin matul il-perijodu ta' bejn il-5.00 ta' filghaxija tat-23 ta' Frar 2003 u l-4.00 ta' filghodu tal-24 ta' Frar 2003, waqt li kien fil-Granny' s Bar and Restaurant f' Bugibba, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma kienitx tiskorri hames mitt lira Maltin imma kienet izjed minn hamsin lira Maltin saret ghad-detriment ta' John Zammit mis-Swieqi.

8) talli fl-24 ta' Frar 2003, ghall-habta tal-4.00 a.m., waqt li kien fil-Qawra, ittanta jhajjar ufficjal jew impjegat pubbliku u cioe` l-kuntistabbli Kevin Curmi sabiex jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

9) talli fl-24 ta' Frar 2003, ghall-habta tal-4.00 a.m., waqt li kien fil-Qawra, fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna, u cioe` tentattiv ta' omicidju tas-Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada jew id-delitt ta' serq jew ta' hsara lil proprjeta`, kif ukoll fil-hin li kien qed jigi arrestat ghall-ghemil ta' xi delitt, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

10) talli fl-24 ta' Frar 2003 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

11) talli f' dawn il-Gzejjer fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wahda mid-dokumenti u cioe` licenzja falsifikata mahruga fuq il-vettura bin-numru AAE-194 f' isem Jonathan Balzan minn Hal-Safi.

12) talli fl-24 ta' Frar 2003 f' dawn il-Gzejjer, saq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni AAA-551 meta ma kellux licenzja renovate ghas-sena kurrenti 2003.

13) talli fl-24 ta' Frar 2003 f' dawn il-Gzejjer, saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAA-551 meta ma kienx kopert b' polza ta' sigurta` dwar riskji ghal terzi persuni.

14) talli fl-24 ta' Frar 2003 ghall-habta tal-4.00 ta' filghodu, waqt li kien il-Qawra, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita` jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku u cioe` s-Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada u l-kuntistabbli Kevin Curmi jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b' xi mod iehor bla jedd indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b' ligi kien ordnat jew seta' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi jew b' xi mod iehor li jkun.

15) talli fl-24 ta' Frar 2003 ghall-habta tal-4.00 ta' filghodu, waqt li kien il-Qawra, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecent li jikkonsisti f' dagha.

16) talli fl-24 ta' Frar 2003 f' dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b' sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Jannar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 41, 216, 218, 221, 96, 95, 261, 263, 267, 270, 278, 279, 120, 49, 50, 325, 338, u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 – illum il-Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu sabet htija fil-konfront tal-istess;

Rat ukoll l-Artikoli 17, 20, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannat lil Generoso Sammut ghal piena karcerarja ta' zmien hames (5) snin.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kkundannat lil Generoso Sammut ghall-hlas tal-ispejjez peritali kollha ammontanti ghal tliet elef tminn mija wiehed u tmenin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€3,881.64)

Illiberatu fl-Artikoli 334, 250, 252, 115, 183, 184, u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Generoso Sammut minnu pprezentat fit-3 ta' Frar, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat illi "tqis illi l-Artikolu 41(1)(a) huwa applikabbli, u li l-intenzjoni tal-imputat kienet illi jferi lil Gerada, ghalhekk issib htija taht l-Artikoli 41(1)(a) u 216, 218 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.", anke minhabba partijiet konfliggenti ma' xulxin fis-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti stess irriteniet –

> "***Illi fil-fatt minn imkien ma jirrizulta li l-griehi sofferti minn Gerada kienu tali li jgibu mankament jew sfregju f' wahda mill-idejn ta' Gerada, ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) addebitat; multo magis allura ma jirrizultax ir-reat taht l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***"

u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata wkoll in kwantu ghall-piena inflitta ta' prigunerija ghal zmien hames (5) snin, u tikkonfermaha fil-kumplament, u minflok tghaddi biex tiddikjara lill-imputat mhux hati taht l-Artikoli 41(1)(a) u 216, 218 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-ragunijiet fuq esposti, u tvarja l-piena inflitta in vista tal-aggravji hawn fuq migjuba, ***fosthom li l-imputat garrab griehi gravi u permanenti li gabu mankament fir-rigel tax-xellug***, u timponi minflok il-piena ta' sentenza sospiza.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

1. L-ewwel aggravju ma jirrigwardax il-piena inflitta izda r-ragunament li ghamlet u l-konkluzjoni li gibdet l-Ewwel Qorti fir-rigward ta' l-intenzjoni minkejja li eskludiet il-htija taht l-Artikolu 216(1)(b) u 218:

> "Tistaqsi allura din il-Qorti – ghalfejn l-imputat sprejja pepper spray f' ghajnejn il-pulizija, u oltre dan ghalfejn u xi skop kellu li jiehu l-arma minn idejn Gerada? X' kellu bzonn l-arma l-imputat?
>
> "Anke jekk il-Qorti tiskarta dak illi qal l-Ispettur Bartolo, skondtu dak illi qallu Sammut dwar l-arma, xorta hija tibqa' konvinta li l-intenzjoni tal-imputat li jiehu l-arma minn idejn Gerada, kienet biss intiza biex dan juzaha fil-konfront ta' Gerada almenu! Altrimenti ma kienx hemm ebda skop iehor, ghax qajla jista' jinvoka xi legittima difesa jew provokazzjoni fic-cirkostanzi li nstab fihom."

Issa l-Ewwel Qorti, wara li f' pagna 31 tas-sentenza appellata kkonkludiet illi minn imkien ma jirrizulta li l-griehi sofferti minn Gerada kienu tali li jgibu mankament jew sfregju f' wahda mill-idejn ta' Gerada, ai termini tal-Artikolu 216 (1) (b) addebitat; u wara li kkonkludiet ukoll illi multo magis allura ma jirrizultax ir-reat taht l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9, irrimarkat "Pero` Sammut gie addebitat bl-attentat ta' griehi ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 41 (1) (a)." L-Ewwel Qorti minnufih wara rrimarkat:

> ".... ir-raguni tiddetta li min jipprova jassalta ghal arma, meta gia` jkun uza vjolenza bil-pepper spray, ma jkunx qed jaghmel hekk biex jiccajta pero` biex juza l-istess. L-uzu ta' arma f' inkontru daqshekk ravvicinat, ghandu konsegwenza wahda – feriment. Cert ukoll illi dan ma sehhx, mhux ghax l-imputat iddezista, imma ghax f' din it-taqtiegha spicca gie ferut hu, u ma rnexxilux jiehu l-arma minn idejn Gerada. Ghaldaqstant, tqis illi l-Artikolu 41(1)(a) huwa applikabbli, u li l-intenzjoni tal-imputat kienet illi jferi lil Gerada, ghalhekk issib htija taht l-Artikolu 41 (1) (a) u 216, 218 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

L-aggravju ta' l-appellant huwa illi ma setghetx il-Qorti tiddikjara l-htija ta' tentattiv tar-reat kontemplat taht l-artikoli 216, 218 u 221 minghajr ma tispecifika f' hiex kien jikkonsisti l-periklu. X' periklu kien? periklu tal-hajja? periklu ta' xi difett

permanenti? periklu ta' debulizza permanenti fis-sahha? periklu fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem? Minghajr tali determinazzjoni fis-sentenza, ma tistax tigi konfermata l-htija ta' tentattiv tar-reat kontemplat fl-artikolu 216. Din l-inkongruwenza nsibu wkoll fir-rigward ta' l-artikolu 218 citat fis-sentenza appellata. Liema subiniciz ta' l-artikolu 218 kellha f' rasha l-Ewwel Qorti? – mistoqsija din li ma hemmx twegiba ghaliha fis-sentenza appellata. Dan ukoll jaghti lok ghal nullita` li mhix sanabbli. Is-sejbien ta' htija jrid ikun cirkoskritt, preciz u identifikat u dan "ad validitatem", altrimenti s-segwi n-nullita` ta' dik il-parti tas-sentenza. L-istess jghodd ghall-artikolu 221. Liema subinciz kellha f' rasha l-Ewwel Qorti? M' hemmx spazju ghal kongetturi fejn is-sentenza tkun tirrigwarda dikjarazzjoni ta' htija. L-ezistenza ta' "lacunae" li jaghtu lok ghal kongetturi twassal ghal nullita` ta' dik il-parti tas-sentenza.

2. It-tieni aggravju: Illi l-verzjonijiet 'viva voce' disponibbli ghall-istharrig gudizzjarju huma dawk moghtija miz-zewg pulizija Gerada u Curmi. Dawn xehdu diversi drabi u gew kontroezaminati mid-difiza. Flimkien ma' dawn iz-zewg verzjonijiet, l-Ewwel Qorti kellha quddiemha r-rizultanzi medici, kemm fir-rigward ta' Gerada kif ukoll fir-rigward ta' l-imputat innifsu, li garrab feriti gravi. Jirrizulta minn fol. 19, illi –

> "Minn naha tieghu Mr Charles Grixti xehed illi kien qieghed isegwi lil Generoso Sammut bhala "out patient" in kwantu meta rah kien gia` gie operat u tnehhietlu balla minn go saqajh ix-xellugija. Qal ukoll illi Sammut barra din il-ferita kellu ticrita f' rasu. Din it-tieni ferita ghalih kienet kompatibbli ma' blunt injury."

Fis-sentenza appellata, hawnhekk biss – u b' dan il-mod indirett biss – jissemmew il-griehi permanenti li sofra l-imputat. Allura l-Ewwel Qorti kienet interessata biss fil-ferita li garrab f' idu l-pulizija Gerada? Il-fatt li l-pulizija korra u mmanka lill-imputat ghal kumplament ta' hajtu ma kienx jinteressa lill-Ewwel Qorti? Il-konkluzjoni li titnissel minn dina l-insensittivita` tal-Ewwel Qorti ghal dizabilita` permanenti li sofra l-imputat hija, sfortunatament, illi l-Ewwel Qorti kien jinteressaha biss il-ferita li garrab is-Surgent Gerada. L-imputat jinnota illi –

1) L-Ewwel Qorti imkien ma semmiet li hu gie operat biex jitnehhewlu l-bullets tal-pulizija;

2) L-Ewwel Qorti imkien ma semmiet li hu ghamel tliet (3) xhur l-Isptar taht kura intensiva, bl-incertezza jekk kienux sejrin ikollhom jamputawlu siequ;

3) L-Ewwel Qorti imkien ma semmiet ix-xiehda tal-kirurgu li operah biex tnehhewlu l-balal tal-Pulizija minn go riglu x-xellugija.

4) L-Ewwel Qorti imkien ma semmiet il-konsegwenzi tal-feriment u tad-dizabilita` permanenti fir-rigward tal-hajja tal-persuna ta' l-imputat. Jirrizulta minghajr dubbju illi Generoso Sammut intlaqat minn zewg missili sparati minn armi tan-nar tal-pulizija. Izda, f' ghajnejn l-Ewwel Qorti, dan qiesu ma garax. Dan hu xokkanti.

Dan kollu juri ' *mindset*' favur iz-zewg xiehda tal-prosekuzzjoni u <u>kontra</u> l-imputat. Sentenza li fid-deliberazzjonijiet taghha dwar ir-rizultanzi tal-kaz ma ssemmix li t-tiri tal-pulizija immankaw lill-imputat hija bir-rispett kollu sentenza mankanti minn imparzjalita`. Mhux biss mil-lat ta' rispett uman izda wkoll mil-lat ta' retta amministrazzjoni tal-gustizzja, l-Ewwel Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni l-"piena" li dan il-mankament fiziku kkawza u ser ikompli jikkawza lill-imputat <u>ghal kumplament ta' hajtu</u>. Dan hu fattur li l-ebda qorti ma setghet ma ssemmix u ma tikkunsidrahx. L-ebda mitigazzjoni ma nghatat, l-ebda mitigazzjoni ma ssemmiet. Normalment il-fatturi personali ta' l-akkuzat u l-isfond socjali ta' l-akkuzat jittiehdu in konsiderazzjoni. Wiehed kien jistenna li l-Qorti tkun iktar sensittiva u takkorda tnaqqis konsiderevoli mill-piena minhabba r-rizultanti mankament fiziku li garrab il-gudikabbli.

3. It-tielet aggravju: Mil-lat ta' piena inflitta, in-nuqqas ta' l-Ewwel Qorti li takkorda mitigazzjoni sostanzjali fil-piena minhabba l-griehi gravi u permanenti li garrab l-imputat fil-kollutazzjoni, irid jigi abbinat ma' nuqqas ta' proporzjonalita`. Dan meta l-Ewwel Qorti stess osservat illi l-kaz gara hekk (pagna 30 tas-sentenza appellata):

*"Illi jirrizulta wkoll illi Gerada u l-imputat spiccaw jissaraw għall-arma tas-Servizz li kien qed izomm f' idu Gerada. Din ir-rissa wasslet biex l-arma ta' Gerada hadet u spicca wegga' Gerada f' idu bil-mod gia` hawn fuq deskritt."*

Imbaghad, f' pagna 31 tas-sentenza appellata jinghad ukoll:

*"Illi fil-fatt minn imkien ma jirrizulta li l-griehi sofferti minn Gerada kienu tali li jgibu mankament jew sfregju f' wahda mill-idejn ta' Gerada, ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) addebitat; multo magis allura ma jirrizultax ir-reat taht l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Jista' jinghad l-istess fir-rigward ta' l-imputat Generoso Sammut? Jew ghall-Ewwel Qorti dan hu kollu irrilevanti ghaliha, ladarba ma jikkoncernax lill-pulizija? Donnha l-Ewwel Qorti insiet illi hija obbligata taghti l-protezzjoni tal-Ligi liz-zewg partijiet u mhux lil parti wahda biss. Anke dan huwa xokkanti, meta jidher car illi l-imputat spicca midrub serjament u l-hsara li sofra hija wahda permanenti.

4. Ir-raba' aggravju: L-aspett ta' proporzjonalita` mankanti fis-sentenza appellata johrog minn indagini komparativa fil-parametri tal-gradwatorja ta' reati kriminali. Jitqabbel il-kaz odjern, bir-reati li l-esponent instab hati taghhom, mar-reati li l-oghla membru tal-Gudikatura gie kkundannat li wettaq. Meta prim imhallef jircievi flus in konnessjoni ma' appell kriminali li jkun qed jinstema' quddiemu dan jigi kkudannat 33 xahar prigunerija u jigi mehlus wara li jkun skonta 22 xahar prigunerija. Izda fil-kaz ta' Generoso Sammut l-Ewwel Qorti dehrilha li l-piena kellha tkun ta' 60 xahar prigunerija – u dan apparti l-ferita gravi u permanenti li sofra, li ghaliha ma saret l-ebda mitigazzjoni fil-piena inflitta.

5. Il-hames aggravju: Dan jirrigwarda n-nuqqas operazzjonali min-naha tal-Pulizija fl-esekuzzjoni ta' l-arrest. Il-modus operandi tal-Pulizija wassal biex gew sparati hames (5) tiri lejn l-imputat, b' zewg feriti kkawzati minn armi tan-nar <u>differenti</u> tal-pulizija. Minflok ma agixxew b' kawtela u prudenza minhabba d-dlam, iz-zewg pulizija agixxew impulsivament, b' mod li, minhabba li kellhom l-armi tan-

nar u kienu lesti biex juzawhom, holqu periklu serju kemm ghall-imputat kif ukoll ghalihom infushom. L-imputat ma kellux arma tan-nar. L-operazzjoni tal-pulizija dwar l-avvicinament ma gietx mahsuba, ppjanata u mwettqa bil-prudenza mehtiega li setghet twassal biex il-konsegwenzi jigu evitati. Huma holqu periklu enormi, u l-Qorti addossat dan kollu fuq l-imputat. Ikkunsidrati oggettivament, 5 sparaturi b' zewg armi tan-nar fuq persuna li ma kellhiex arma tan-nar izda pepper spray jikkostitwixxu forza eccessiva. Jibqa' l-fatt li l-imputat hallas qares ghall-presenza tieghu fuq il-ponta ta' hdejn Fra Ben bi griehi li huma gravi u permanenti, u din ic-cirkostanza ma wasslet ghall-ebda mitigazzjoni fil-forma ta' sentenza sospiza. Ghal persuna b' dizabilita` permanenti, sentenza ta' prigunerija hija pezanti wisq.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-konkluzjoni li gibdet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-intenzjoni minkejja li eskludiet il-htija taht l-artikolu 216(1)(b) u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant jissottometti li wara li fis-sentenza appellata kkonkludiet li minn imkien ma jirrizulta li l-griehi sofferti minn Gerada kienu tali li jgibu mankament jew sfregju f'wahda mill-idejn ta' Gerada *ai termini* tal-artikolu 216(1)(b) addebitat, ikkonkludiet ukoll li ma jirrizultax ir-reat taht l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda rrimarkat li '*Sammut gie addebitat bl-attentat ta' griehi ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 41)1)(a)*" u rrefera ghal fejn il-Qorti kkonsidrat li ghandha ssib htija taht l-artikolu 41(1)(a), 216, 218 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant ghalhekk jissottometti li l-Qorti ma setghetx tiddikjara htija ta' tentattiv tar-reat kontemplat taht l-artikolu 216, 218 u 221 minghajr ma tispecifika fiex kien jikkonsisti l-periklu; jekk dan il-periklu kienx tal-hajja, ta' diffett permanenti, ta' debulizza permantenti fis-sahha, eccetera. Skont l-

appellant, din l-inkongruenza tinsab ukoll fir-rigward tal-artikolu 218 citat fis-sentenza appellata. L-appellant  jistaqsi liema subinciz tal-artikolu 218 kellha f'rasha l-Ewwel Qorti. L-istess jissottometti l-appellant dwar l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jissottometti li l-ezistenza ta' lacunae li jaghtu lok ghal kongenittura twassal ghal nullita' ta' dik il-parti tas-sentenza.

Ikkunsidrat;

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena* ***u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat****.*' (Emfazi mizjud minn din il-Qorti)

Illi l-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva tas-sentenza niezlet:

'*Dwar il-piena, wara li rat l-Artikoli 41, 216, 218, 221, 96, 95, 261, 263, 267, 270, 278, 279, 120, 49, 50, 325, 338, u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 15 tal- Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 – illum il-Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu ssib htija fil-konfront tal-istess;*

*Rat ukoll l-Artikoli 17, 20, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ikkunsidrat il-gravita' tal-azzjoni tal-imputat, mhux biss is- serq, izda aktar u aktar l-attakk li ghamel fuq ufficjal pubbliku - attakk illi frankament u biss ghax giet tajba li ma spiccax b'konsegwenzi aktar serji. L-impatt negattiv li dan ihalli mhux wiehed negligibbli, u dan jittiehed in konsiderazzjoni meta l-Qorti tahseb fil-piena idonea – ghaldaqstant esposti l-fatti u r-rizultanzi, tqis illi l-piena idonea ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva, u ghaldaqstant tikkundanna lil Generoso Sammut ghal piena karcerarja ta' zmien hames(5) snin.*

*Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lil Generoso Sammut ghall-hlas tal-ispejjez peritali kollha ammontanti ghal tliet elef tminn mija wiehed u tmenin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€3,881.64)*

*Tilliberah ghar-ragunijiet gia' esposti mir-reati kkontemplati fl-Artikoli 334, 250, 252, 115,*

*183, 184, u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

Din il-Qorti sejra tqis l-ewwel ilment imressaq mill-appellant. Jirrizulta li l-Avukat Generali fin-nota tieghu li tinsab a fol 850 fost artikoli ohra indika l-artikoli 41(1)(a), 218 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda l-Qorti fil-parti dispositiva iccitat fost artikoli ohra, l-artikoli 41, 216, 218 u 221 u dan minghajr ma specifikat taht liema subartikolu kienet qieghda ssib htija. Qabel ma tqis jekk dan igibx in-nullita' tas-sentenza appellata, din il-Qorti sejra tikkunsidra nuqqasijiet ohra li din il-Qorti *ex officio* rriskontrat minn qari tas-sentenza appellata.

Jirrizulta li l-Qorti fil-parti dispositiva ddikjarat li kienet anke qieghda ssib htija taht '*l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 - illum il-Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta' Malta*', liema Kapitolu ma huwiex applikabbli izda il-Qorti tifhem li l-Kapitolu applikabbli kien il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk jirrizulta kjarament li l-Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta' Malta gie indikat erronjament mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti sejra ghalhekk tqis jekk il-fatt li l-Qorti ma ndikatx taht liema subartikoli tal-artikoli 216, 218 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kienet qieghda ssib htija, kif ukoll il-fatt li erronjament indikat il-Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta' Malta iwassalx ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri'**[1] ikkunsidrat:

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007)

*Illi dan skond gurisprudena ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[2] gie kkunsidrat:

*'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**"[3] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen Bonsfield**[4] ikkunsidrat li:

*'l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza ghandu jigi akkolt mhux biss ghaliex l- Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li taghhom l- appellant instab hati, imma ukoll ghaliex, kif irriskontrat din il-Qorti "ex officio", fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ccitat artikoli li* ***mhux biss ma gewx indikati lilha mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu, imma artikoli li jew huma inezistenti jew manifestament zbaljati***.' (Emfazi mizjuda)

Illi l-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva kellha mhux biss tindika b'mod generiku l-artikolu 216, 218 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda tindika s-subartikoli li tahthom kienet qieghda ssib htija. In oltre' il-fatt li l-Ewwel Qorti indikat Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta inapplikabbli ghal kaz in ezami u ghalhekk ma indikatx il-Kapitolu korrett igib in-nullita' tas-sentenza appellata. Din il-Qorti tissottolinea ukoll li rizultat ta' dawn l-izballji, s-sentenza hija nulla fl-intier taghha u mhux bhal kif donnu talab l-appellant u cioe' in-nullita' parzjali tas-sentenza appellata.

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru: 97/2006)
[3] Deciza nhar it-3 ta' Frar, 1995
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell numru: 327/2005)

Ikkunsidrat;

Illi b'zieda ma dak gia kkunsidrat, jirrizulta illi l-Qorti fil-parti dispositiva tas-sentenza ma ddikjaratx ta' liema akkuzi kienet qieghda ssib htija izda iddikjarat taht liema artikoli kienet qieghda ssib htija u taht liema artikoli ma kinitx qieghda ssib htija.

Din il-Qorti temfasizza li l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jezigi li l-Qorti fl-ghoti tas-sentenza ghandha tindika liema imputazzjonijiet tkun qieghda ssib htija u cioe' il-fatti li taghhom tkun qieghda ssib htija ghandhom jitnizzlu kjarament. Ghalkemm l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ghamlet kunsiderazzjonijiet kemmxejn dettaljati dwar il-htija o meno tal-artikoli, fil-parti konklussiva tas-sentenza, il-Qorti naqset milli tindika l-imputazzjonijiet li tahtom kienet qieghda ssib htija. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) Vs Joseph Agius'**[5]:

'*Minn ezami akkurat tal-parti konklussiva tas-sentenza l- Qorti ssib illi wara li l-Ewwel Qorti ghaddiet biex issemmi l- artikoli ghaddiet mill-ewwel biex tikkundanna lill-appellant, minghajr ma ddikjaratu hati tal-akkuzi illi gew dedotti kontra tieghu.*

*L-artikolu 382 tal-Kap. 9 jghid testwalment illi meta l-Qorti taghti sentenza kontra imputat ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi li tkun tikkontempla r-reat.*

*Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, tfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija twassal ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali bhal ma wkoll hija suggetta ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati.*

*Ghalhekk peress illi l-ewwel sentenza hija karenti minn dawn l-elementi din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief illi tilqa` dan l-aggravju, tiddikjara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti nulla u bla effett u tordna illi l-atti jigu rimandati lill- Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skont il-ligi*'

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru. 171/2011)

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi li l-Qorti fis-sentenza ssemmi l-fatti li dan ikun instab hati u ghalhekk issemmi specifikament l-imputazzjonijiet li taghhom tkun qieghda ssib htija, dan isir billi l-Qorti taghmel referenza ghall-akkuzi normalment numerikament skont kif imnizzla fic-citazzjoni, tindika l-artikoli li jikkontemplaw ir-reat u l-piena. Din il-Qorti ghalhekk tqis li mhuwiex bizzejjed li l-Qorti tiddeciedi li kienet qieghda ssib htija tal-artikoli indikati izda kellha tindika l-imputazzjonijiet li tahthom kienet qieghda ssib htija. Dan in-nuqqas fil-parti disposittiva tas-sentenza ukoll iwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata. Din il-Qorti ghalhekk ma ghandhiex triq ohra ghajr li tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u ghalhekk sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji mressqa mill-appellant.

In vista tal-ammont sostanzjali u n-natura ta' imputazzjonijiet li l-appellant gie akkuzat bihom, din il-Qorti sejra tordna sabiex l-atti jigu rimessi lil Ewwel Qorti fejn il-kaz ghandu jigi trattat u deciz mill-gdid sabiex l-appellant ma jigix privat mid-dritt tad-*doppio esame*.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qieghda tirrinvija l-atti lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid skond il-ligi.

Tenut kont tal-fatt li l-imputazzjonijiet jirrisalu ghas-sena elfejn u tlieta (2003), din il-Qorti tissolecita lir-Registratur tal-Qorti sabiex din il-kawza tigi appuntata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mill-aktar fis.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur